# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA PAWLU II**

Pietru Barbao twieled gewwa Venezja fis-sena 1417 minn Nicolo Barbao u Polixena Condulmer oht il-Papa Ewgenju IV.   Ghalkemm studja biex jaqbad karrira ta' negozju huwa rciva edukazzjoni religjuza eccelenti u meta zijuh lahaq papa dahal fis-servizz ekklesjastiku. Mahtur arcidjaknu ta' Bolonja,



Isqof ta' Cervia u ta' Vicenza u fis-sena 1440 kardinal djaknu. Kellu biss 23 sena.   Taht il-Papa Kallistu III kien igawdi stima kbira.



Gie maghzul Papa mill-konklavi wara l-ewwel tfigh ta' voti.  Hafna kardinali daru kontrih ghaliex dak li wieghed qabel intghazel papa ma wettqux u anqas ma zamm kelmtu. Il-weghda tieghu kienet taghti aktar sahha lil

kardinali.  Fost affarijiet ohra kien obbligat li jlaqqa' koncilju ekumeniku fi zmien tlett snin mill-hatra tieghu.  Kien obbligat li jkompli l-gwerra mat-Torok.  Il-kullegg tal-kardinali ma kellux ikun akbar minn 24 u kull papa ma setghax jahtar hlief kardinal wiehed biss li kellu parentela mieghu. Il-papa ma setghax johrog minn Ruma jekk mhux bir-rieda tal-maggoranza tal-kardinali u jekk mhux bil-kunsens tal-kullegg tal-kardinali kollu. Izda wara li tela' ma zammx kelmtu u biddel u aggorna l-ftehim skond ir-rieda u bzonn tal-mument.  Kawza ta' dan tilef kull rispett mill-kardinali l-ohra.

Pawlu II kien ihobb hafna l-festi u l-isplendur.  Il-qorti papali ghamlu jixbah lil dawk tar-rejiet ta' l-Ewropa, jekk mhux aktar. Heggeg ic-celebrazzjonijiet tal-karnival u loghob iehor.  Fis-sena 1471 huwa ddegreta li kull 25 sena kella issir il-festa tal-gubilew qaddis.  Bena'  il-palazz ta' San Marco, illum maghruf bhala il-Palazz ta' Venezja. Fiha mar jabita wara li halla lir-residenza tal-Vatikan. Huwa abolixxa l-kullegg tal-kittieba li kienu nkarigati mid-dokumenti formali tal-Vatikan. Minhabba f'hekk l-istoriku Bartolomeo Platina ipprotesta u Pawlu II arrestah u ttorturah.  Huwa oppressa l-akkademja rumana ghaliex kif qal hu kienet moralment degenerata b'idejat u riti pagani.  Kien kollettur ta' l-arti antika. Matul ir-renju tieghu huwa kien patrun ta' l-universitajiet u heggeg hafna l-invenzjoni ta' l-istampar li ghal dawk iz-zminijiet kienet xi haga gdida.

Pawlu II ta lil Ruma u l-istati papali gvern b'sahhtu.  Fis-sena li

huwa gie elett papa, baghat truppi biex jiehdu lura dawk l-artijiet li Everso, Konti ta' Anguillara hataf taht idejh, li bi dritt kienu propjeta' tal- Vatikan. Waqqaf qrati specjali biex jmexxu kawzi kriminali. L-ahhar bicca xoghol ta' Pawlu II kien l-arrangament taz- zwieg bejn Ivan III tar-Russja li kien l-ewwel imperatur li kienu jsejhulu Tsar u l-bint kattolika ta' l-ahhar imperatur bizantin. Waqt dawn in-negozjati Pawlu II miet f'daqqa wahda b'attakk fl-Lulju 26, 1471. Huwa gie midfun gewwa l-Basilka ta' San Pietru.